TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 159/15-F

Judith Farrugia
Vs
A to Z Electronics

Illum, 6 ta' April, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Awissu, 2015, fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u sebgħin Ewro (€270) rappreżentanti prezz ta' televiżjoni li wara xi erba' xhur li ġie mqabbad dan irriżulta li kellu qasma fl-iscreen.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtrat televiżjoni mingħand id-ditta ntimata għall-prezz ta' mitejn u sebgħin Ewro (€270) u ħallietu fil-kaxxa. Wara ftit xhur li rranġat il-post il-ġdid tagħha, marret biex tqabbad it-televiżjoni u dan ma ħadimx għax kellu qasma fl-iscreen.

L-intimat issottometta illi meta ġie mixtri dan it-televiżjoni ma kellu l-ebda qasma u li ġara żgur mhux tort tiegħu għax ingħata lir-rikorrenti ġdid fjamant mingħajr problemi.

It-Tribunal jinota illi r-rikorrenti kellha obbligu sabiex tispezzjona t-televiżjoni biex imbagħad ma jkunx hemm dubji xhur wara ta' x'setgħa ġara u ma ġarax.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjes jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888